**Laqgħa Numru 29**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**16 ta' Settembru 2021**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fil-5.15 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa -Kunsillier

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**29.1.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

29.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

**29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

29.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 28 li saret nhar il-Ħamis 12 t'Awwissu 2021 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju.

**29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

29.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill li minflok l-arma tal-Kunsill għandha ssir stampa ta' silhouette bil-motto tax-Xewkin. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan is-suġġeriment.

29.3.2 B'referenza għall-iskema SPI/SCI/6/2021 Espressjoni ta' Interess-Finanzjament Milied 2021, is-Sindku rreferra għall-Christmas Market li kien sar fi żmien il-Milied ta' sentejn ilu. Il-Kunsill iddiskutta li jekk l-Awtoritajiet tas-Saħħa jippermettu għandu jerġa' jittella' dan il-Christmas Market li jservi bħala vetrina għat-talent lokali. Ġie diskuss li l-avveniment għandu jittella' fuq weekend b'programm varjat. Għaldaqstant ġie deċiż li l-Kunsill kellu immedjatament jibda jaħdem fuq din l-iskema li kient tagħlaq fis-7 t'Ottubru 2021.

29.3.3 B'referenza għal numru ta' ilmenti fuq Sqaq Ċappelli minħabba li peress li s-sqaqin dojoq b'bini għoli għandhom tendenza li jrabbu l-ħass u jiġu jiżolqu ħafna, s-Sindku ssuġġerriexxa li l-Kunsill għandu jqabbad Perit biex jigwida l-Kunsill kif l-aħjar li jingħataw wiċċ ġdid lill-isqaqin. Il-Viċi Sindku spjega li għandhom isiru bil-madum u mhux stencil għax l-istencil jillixxja maż-żmien.

29.3.4 Is-Sindku rreferra għat-talba min-naħa tal-Arċipriet fejn talab biex il-Kunsill jidħol sħab fil-proġett ta' riġinerazzjoni taz-zuntier. Is-Sindku spjega li l-Assoċjazzjoni Rotunda kienet ser tkun qed tapplikka taħt id-DPF u tista tgawdi 70% f'fondi waqt li jekk il-Kunsll jidħol bħala sħab l-Assoċjazzjoni tkun tista' tgawdi mill-100% f'għajnuna. Barra minnhekk is-Sindku spjega li l-istima tax-xogħol jammonta għall-€177,000 (Vat eskl) waqt li l-NGOs jistgħu jgawdu sa €100,000 mid-DPF. L-Assoċċjazzjoni Rotunda kienet qed titlob lill-Kunsill jikkonsidra l-possibilita' li jalloka parti mill-fondi tad-DPF li l-Kunsill għandu għad-dispożizzjoni tiegħu biex ikunu jistgħu jiġu koperti l-bqija tal-ispejjeż marbuta ma' dan il-proġett. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew din it-talba u waqt li qablu li jidħlu fis-sħab għal dan il-proġett kien hemm qbil li l-Arċipriet ikun mistieden fil-laqgħa li jmiss fejn ikun jista' jispjega f'aktar dettal u anke tiġi kkonsidrati kemm hi l-għajnuna li l-Kunsill jista' jagħti wara li wieħed jara l-fondi diġa' marbuta fuq proġetti li l-Kunsill qed jiffinanzja taħt id-DPF.

29.3.4 Is-Sindku rreferra għas-sitwazzjoni fi Triq Hebron fejn it-triq ma tiflaħx għal trakkijiet kbar. Fil-passat kien hemm tabelli tan-*No Heavy Vehicles* li nqalgħu meta kienet qed isir Triq Il-Ħamrija. Is-Sindku ssuġġerriexxa li għandhom isiru t-tabelli mill-ġdid. Il-Kunsill qabel ma' dan.



mc 148

29.3.5 B'referenza għal-parkeġġ ta' trakkijiet taż-żibel u trailers fi Triq Jean De La Valette is-Sindku ssuġġerriexxa li jsiru tabelli ġodda biex ma jħallux dawn it-trakkijiet ipparkjati hemm ħlief biex isir *loading/unloading*. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

29.3.6 Is-Sindku rreferra għall-BOQ ppreparata mill-Perit għall-culverts fi Triq Il-Kbira li tammonta għal €30,000. Is-Sindku kompla jispjega li jekk ma jkunx hemm network sħiħ mhux ħa tissolva problema quddiem residenti oħra. Kien qalek li waqt li kienet għaddejja d-diskussjoni s-Sindku ċempel lill-Perit responsabli mix-xogħlijiet tat-triq. Il-Perit ta *briefing* fuq ix-xogħol li kien qed jipproponi. Il-Perit spjega li biex isir dan il-culvert se jkun hemm bżonn li jissigaw l-asfalt minn fuq tat-triq sa isfel. Fl-opinjoni tiegħu dan mhux l-ideali. Il-Kunsill iddiskutta mal-Kunsill l-possibilta' li jsiru 3 water catchments 'l fuq mir-residenza tar-resident li kienet qed tilmenta minħabba l-problema li l-ilma jaqa' kollu n-naħa tagħha pied wisa' sa nofs metru 'l isfel matul it-triq. Il-Perit spjega li l-ilma li jinqabbad minn fuq tat-triq se jkun qed imur ġol-ġibjun imma peress li l-ġibjun żgħir kien se jfur malajr. Il-Perit kien tal-fehma li permezz ta' tlett gradi 40% tal-ilma kien se jgħaddi ġol-ġibjun waqt li 60% jmur mal-ilma tat-triq. Il-Kunsill qabel li l-Perit kellu jipprepara l-BOQ għal dawn il-gradi.

29.3.7 Is-Sindku rreferra għall-istat ħażin ta' parti mit-Triq 27 ta' Novembru 1678. Il-Kunsill idiskutta jekk setgħax jintuża t-tender għar-resurfacing li kien ħareġ is-sena li għaddiet pero' l-Kunsill qabel li dan għandu jintuża fejn hemm bżonn patching f'toroq li għadhom tajbin.

29.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-għada 17 ta' Settembru 2021 kien se jinstema' l-appell fuq l-applikazzjoni għall-proġett ta' Ġnien Il-Ħaddiem min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex..

29.3.9 B'referenza għal Jum Ix-Xewkija, is-Sindku ssuġġerriexxa li jsir kunċert tal-Banda fir-Rotunda. Il-Kunsill qabel li kellu joħroġ sejħa għan-nominazzjonijiet għal Ġieħ Ix-Xewkija u Ħidmet Iż-Żgħażagħ bħas-snin 'l imgħoddija. Iċ-ċerimonja kellha tinżamm fis-27 ta' Novembru 2021. Fis-serata kellhom jissemgħu dawk it-toroq ġodda msemmija għal persuni li għamlu ġieħ ix-Xewkija. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li jingħata rikonoxximent lil dawk li gradwaw fl-aħħar sentejn.

29.3.10 Is-Sindku kkomunika li l-President' s Solidarity Fun Run 2021 kienet ser tinżamm f'kull lokalita' u li għaldaqstant il-Kunsill kien għadda r-rotta lill-AKL li kienet qed tieħu ħsieb tikkordina din l-attivita' flimkien mal-uffiċju tal-President.

29.3.11 Is-Sindku spjega li kienet saret laqgħa mal-Perit responsabli fuq ix-xogħol fuq il-Playingfield tal-Ħamrija. Il-Perit kien talab li jsir survey minn draughtman qabel ma jitkompla x-xogħol.

### *29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

29.4.1 Il-Viċi Sindku staqsa fuq meta kienet ser titwaħħal is-*sleeping police* fi Triq Gruwa. Din kienet ġiet approvata fil-laqgħa nru 28. Is-Sindku spjega li kienet ġiet approvata minn TM u kellha titwaħħal fil-jiem li ġejjin. Ġiet imressqa ukoll it-talba biex titħarrek is-*sleeping police* fi Triq Il-Kanal wara ilment minn residenta. Il-Kunsill qabel li din kellha titħarrek. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard semmiet ukoll it-talba li għamlulha residenti biex isir



MA H

*sleeping police* fi Triq Torri Tingi. Il-Kunsill iddiskutta u kien hemm qbil li kellhom jinġabar l-kunsens mill-ġirien li ma jsibux oġezzjoni u jiġi preżentati fil-laqgħa li jmiss.

29.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li kien hemm bozza li ili ġimgħat bil-ħsara fi Triq Mallia Vernon. Is-Segretarju spjegat li din ġiet irraportata mill-ewwel imma sfortunatament għadha ma ssewwietx anke minħabba l-burokrazija żejda ta' kif qed taħdem is-sistema meta tiġi rraportata ħsara. Is-segretarju talbet biex is-Sindku jqajjem dan il-punt fil-laqgħa tar-reġjun hekk kif dan it-tender kien ħareġ fuq bażi reġjonali.

29.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irrimarkat li hemm bżonn isiru s-sinjali tat-traffiku fi Triq Il-Kbira. Is-Segretarju spjegat li kien ġie mqabbad surveryor biex dan isir imma kien għadu ma lestihx.

29.4.5 Il-Kunsiller Johnny Vella staqsa rigward il-possibilta' li jintuża l-grawnd tal-iskola għall-football 5-asde. Il-Kunsillera Jeanelle Attard wieġbet li dan ma kienx baqa' jintuża minħabba l-Covid-19.

29.4.6 Il-Viċi Sindkutalab li l-Kunsill jiċċekja dwar il-pjanijiet mwegħda fuq ir-*recreational park* fi Trejqet Barrieri. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

29.4.7 Il-Kunsillera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li għandha timtela' l-*consent form* minn kull ġenitur għal dawk l-istudenti li kienu se jkunu qed jagħmlu użu mill-van tal-iskola. Is-segretarju ħadet nota ta' dan.

29.4.8 Il-Kunsilliera Jeanella Attard rreferriet għat-talba li kienet saret mil-librara biex jiżdiedilha xi kmamar. Il-Librara kienet għaddiet xi ritratti lill-istess Kunsilliera ta' xkaffar u pittura ta' siġra. Il-Kunsill qabel li kellna nitkellmu mal-Malta Libraries li kienu joffru li jagħmlu x-xogħol b'xejn waqt li l-Kunsill jipprovdi l-materjal. Isemma l-pittur Frank Paul Azzopardi biex jitqabbad għall-pittura.

29.4.9 Is-segretarju għamlet referenza għall-Group Life Policy. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill kellha titħallas il-polza għall-membri eletti.

**29.5 Triq Santa Elizabetta**

29.5.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill ġie ppreżentat il-kont mibgħut mill-kuntrattur iċċertifikat mill-Perit responsabli għax-xogħol fuq it-triq msemmija. Is-Sindku spjega li waqt li l-kont kien ġa ġie ċċertifikat mill-Perit kien ikun għaqli jekk jiġi ċċertifikat ukoll mill-WSC. Għaldaqstant is-Sindku ppropona li kellu jitħallas payment on account bl-ammont ta' €100,000. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu ma' dan.

**29.6 Korsijiet għax-xitwa**

29.6.1 Il-Kunsill iddiskutta l-possibilta' li jingħataw xi korsijiet għax-xhur tax-xitwa. Dan anke wara l-konkorrenza tajba li kien hemm għall-korsijiet tas-sajf. Il-Kunsill iddiskutta u qabel li kellu jkun offrut kors tal-bizzilla, kors tal-pittura għat-tfal u sessjonijiet ta' *keep*



mu HS

*fil.*

29.6.2 Il-Kunsill idiskutta ċ-ċerimonja fejn kienu se jingħataw ċ-ċertifikati lil dawk li attendew għall-korsijiet tas-sajf. Kien hemm qbil li kellu jintrema screen biex jintwera x-xogħol li sar mill-istudenti u jsir riċeviment żgħir. Il-membri qablu li dan l-iscreen għandu jinxtara biex ikun jista' jintuża f'avvenimenti simili.

**29.7 Skema Fondi LESA- Proġetti fil-Komunitajiet (Proġetti 2022)**

29.7.1 B'referenza għas-sejħa għall-applikazzjonijet taħt Fondi- Proġetti fil-Komunitajiet (Proġetti 2022) is-Sindku ppropona li l-Kunsill kellu jisottometti l-applikazzjoni li kien ġa ssotometta f'April 2021. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu ma' dan.

**29.8 Premju Nazzjonali Ħadiema tas-Sena 2021**

29.8.1 Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew il-kategoriji ta' premijiet taħt dan il-premju. Il-Kunsill qabel li kellu jinnomina lis-Sur Manuel Xerri taħt il-kategorija "Award for the most Inspiring Youth Leader, 2021."

**29.10 Ħatra Bord tal-Evalwazzjoni-Play Equipment Playingfiel Ħamrija**

29.10.1 Is-Sindku ppropona li fuq il-bord tal-evalwazzjoni jinħatru l-Perit Edward Scerri, responsabli mill-proġett, l-avukat tal-Kunsill Dr Kevin Mompaloa u l-accountant tal-Kunsill, is-Sur Darren Mercieca. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu.

**29.11 Korrispondenza u Ilmenti**

29.11.1Ċirkularu AKL 2021/077 – Bajjiet li fihom jista' wieħed jieħu annimali domestiċi jgħumu.

29.11.2 Imejl mingħand is-Sur Charles Borg dwar il-pjan tal-programm tal-Kunċert Muzikali mtella' mill-Banda Prekursur.

2911.3 Ċirkulari AKL 2021/078 – Malta Sustainable Development Action Days: Be part of the change.

29.11.4 Imejl mingħand il-Kunsilliera s-sa Jeanelle Attard dwar xogħolijiet relatati mal-librerija fix-Xewkija.

29.11.5 Imejl mingħand is-Sur Joseph Vella, Segretarju tal-Kumitat Ċentrali tal-Festa bi stedina għal kunċert mużikali l-Ħadd 29 t'Awwissu 2021.

29.11.6 Imejl mill-Gozo Cultural Funds dwar is-Serata tal-Għana li ser issir fi Ġnien Blankas, ix-Xewkija.

29.11.7 Ċirkulari AKL 2021/079 – Tindif ta' culverts tal-ilma tax-xita fil-lokalita'.



MA 145

29.11.8 Ċirkulari AKL 2021/080 – Planning and Leading a team – Mentor Aid Session li ser issir nhar l-Erbgħa 15 ta' Settembru 2021.

29.11.9 .10 Imejl mingħand is-Sur Paul Curmi mill-Malta Post, fejn issuġġerixxa biex isiru aktar Dog Bings fiż-żona Industrijali peress li ħafna nies qed imorru jippassiġġaw bl-annimali fl-inħawi.

29.11.10 Is-Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) u Europe Direct Valletta ser jorganizzaw diskussjoni onlajn dwar il-futur tal-qasam tas-saħħa fl-Unjoni Ewropeja nhar il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021.

29.11.11 Ċirkulari AKL 2021/081 – Sessjoni ta' team building mill-AKL nhar il-Ġimgħa 3 ta' Settembru 2021 ġewwa Għawdex.

29.11.12 Stedina mill-Arċipriet tal-Parroċċa tax-Xewkija, Fr Daniel Xerri, għall-Pontifikal tal-Festa tal-Martirju ta' San Ġwann Battista, il-Ħadd 29 ta' Awwissu 2021 fil-5.00pm.

29.11.13 Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) ser tkun qed torganizza żewġ sessjonijiet dwar il-kitba ta' proġetti Ewropej.

29.11.14 Imejl mingħand il-Kunsilliera s-Sa Jeanelle Attard dwar il-ħsieb li ssir ċerimonja tal-għoti taċ-ċertifikati u anke preżentazzjonijiet tax-xogħolijiet li saru matul il-korsijiet li l-Kunsill Lokali organizza matul ix-xhur tas-Sajf.

29.11.15 Imejl mir-Reġjun Għawdex għall-laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Dr Justyne Caruana, dwar l-għeluq tat-toroq waqt id-dħul u l-ħruġ tal-istudenti mill-iskejjel f'Għawdex.

29.11.16 Ċirkulari AKL 2021/083 - President's Solidarity Fun Run 2021 li ser issir fl-14 a' Novembru 2021. Minħabba l-pandemija, huwa mitlub biex kull Kunsill Lokali jidentifika rotta fil-lokalita'. Din għandha tkun ta madwar 2/3KM u li tista ssir f'20 minuta.

29.11.17 Imejl mingħand is-Sur Robert Tabone, kandidat għall-elezzjoni ta' Presidenti tar-Reġjun Għawdex, fejn talab biex jagħmel laqgħa mal-Kunsill Lokali ix-Xewkija.

29.11.18 Imejl mingħand Is-Sur Joseph Attard f'isem Xewkija Tigers FC, fejn talab biex tittieħed azzjoni fi Triq La Vallette, peress li qed tkun mimlija vetturi u żibel.

29.11.19 Imejl mingħand is-Sa Ann Williams dwar is-sitwazzjoni ta' vetturi abbandunati u ħmieġ ieħor fi Triq tal-Ħorob.

29.11.20 Imejl mingħand is-Sa Monica Mercieca fejn infurmat li l-librerija se tkun magħluqa mid-9 ta' Settembru sal-14 ta' Settembru, u mill-20 sal-25 ta' Settembru 2021.

29.11.21 Ċirkulari AKL 2021/082 – Tnedija tal-EV Document.

29.11.22 Imejl mill-Ministeru Għal Għawdex dwar il-ktejjeb Christmas in Gozo li jikkoordina l-avvenimenti marbuta mal-Milied 2021.

29.11.23 Imejl mingħand is-Sur Svetlick Flores mil-LESA, dwar il-ftuħ tas-sejħa għall-iskem Proġetti fil-Komunitajiet għas-sena 2022.



MG HS

29.11.24 Imejl mingħand is-Sur Colin Attard, Direttur Artistiku fejn talab għall-kollaborazzjoni għall-Gaulitana: A Festival of Music, li ser issir parti minnu fir-Rotunda tax-Xewkija, is-Sibt 18 ta' Settembru 2021.

29.11.25 Imejl mingħand is-Sur Roderick Cordina, fejn ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward Trejqet il-Barrieri, fejn saħaq li apparti l-istat tat-triq hemm ukoll karozzi mhux reġistrati.

29.11.26 Ċirkulari AKL 2021/084 – L-AKL flimkien mal-Kunsilli Reġjonali ser ikunu qed jorganizzaw CSR għal żmien il-Milied.

29.11.27 Ċirkulari AKL 2021/086 – Website ġdid mill-AKL fejn hemm miġbura d-dokumenti kollha fis-sezzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

29.11.28 Ċirkulari AKL 2021/085 – Webinar – Social Field: Community Development li ser isir nhar l-Erbgħa 22 ta' Settembru 2021.

29.11.29 Ċirkulari AKL 2021/087 – Webinar dwar Safe and Healthy with Sustainable Mobility in Malta.

29.11.30 Ċirkulari AKL 2021/088 – World Clean Up Day 2021.

29.11.31 Ċirkulari AKL 2021/090 – ADHD Awarness Month.

29.11.32 Ċirkulari AKL 2021/091 – Ħaddiema RSSL u CWSEFF. Rapporti dwar il-ħaddiema minn dawn l-iskemi li qed jitilqu kmieni minn fuq il-post tax-xogħol.

29.11.33 Imejl mingħand l-Arċipriet Fr Daniel Xerri, dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni taz-zuntier tal-Knisja. Dan minħabba l-ħsarat kbar li fih u anke l-periklu li jaqa' xi ġebel minnu fuq karozzi jew nies.

29.11.34 Ċirkulari numru SPI/SCI/6/2021 – Espressjoni ta' interess – Finanzjament Milied 2021.

29.11.35 Imejl mingħand is-Sa Sandra Sapiano dwar is-sitwazzjoni ta' Triq l-Arċipriet Ġużepp Grech, fejn hemm ħafna imbarazz, pallets u ħmieġ ieħor hiereġ minn ġo propjetajiet privati għat-triq. Il-Kunsill iddisktta li l-parti għafejn kienet qed tirreferi s-Sa Sapiano hi parti privata.

29.11.36 Talba mingħand is-Sa Melissa Grech biex jitneħħew sinjali sofor f'parti minn Triq Santa Katerina biex tonqos il-problema tal-ipparkjar. Il-Kunsill qabel li tintbagħat it-talba lill-TM hekk kif il-Kunsill ma kien qed isib l-ebda oġezzjoni.

29.11.37 Talba biex isir Traffic Management fi Triq Ħamsin faċċata tal-Mużew. Il-Kunsill iddiskutta li dan kien ilu żmien twil li ntalab lill-Transport Malta.

29.11.38 Talba mingħand is-Sa Mariella Xuereb biex jitneħħew is-sinjali sofor minn quddiem id-dar tagħha. Il-Kunsill qabel li tintbagħat it-talba lill-TM hekk kif il-Kunsill ma kien qed isib l-ebda oġezzjoni.

29.11.39 Talba biex isiru sinjali sofor quddiem il-bank li hemm fi Triq Santa Katarina qrib Triq il-Kbira peress li meta jipparkjaw il-vetturi mhux qed ikun aċċessibli għan-nies biex ipoġġu fuqu. Il-Kunsill qabel li tintbagħat it-talba lill-TM hekk kif il-Kunsill ma kien qed isib l-ebda oġezzjoni.



mu HS

29.11.40 Rapport dwar ilma bis-sadid kawża ta' katusi qodma fi Triq San Publiju. Is-Sindku rreferra għal fatt li l-BOQs ta' Triq San Publiju u anke Triq Ħelsien kienu għaddew lill-Ministeru t'Għawdex.

29.11.41 Rapport li quddiem dar 10, Triq il-Bennejja iżomm l-ilma. Talba biex tiġi ippeċjata dik il-parti tat-triq. Is-segretarju ħadet nota biex titniżżel fil-lista għal meta jsir patching fit-toroq.

29.11.42 Talba biex isir patching fi Triq Ċappelli. Is-segretarju ħadet nota biex titniżżel fil-lista għal meta jsir patching fit-toroq.

29.11.43 Talba biex issir bozza ġdida fi Triq Zakkarija Cilia. Il-Kunsill qabel li għandha ssir bozza f'dan l-isqaq.

29.11.44 Ilment mingħand residenta fi Triq San Ġwann Battista dwar problema meta tagħmel ix-xita fejn qed tegħreq bl-ilma tat-triq. Hi ssuġġeriet li jsiru culverts.

## 29.12 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

29.12.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 29.13 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

29.13.1 Il-laqgħa ntemmet 7.37pm. Il-membri tal-Kunsillier unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2021 fl-4.30pm.

Konfermati, illum 25 t'Ottubru 2021

Hubert Saliba

Sindku

Marion Attard

Segretarju Eżekuttiv